

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (l-Awstrija) fl-20 ta' Ottubru  
2021 – Climate Corporation Emissions Trading GmbH vs Finanzamt Österreich**

(Kawża C-641/21)

(2022/C 51/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Climate Corporation Emissions Trading GmbH

Konvenut: Finanzamt Österreich

**Domanda preliminari**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-post tal-forniment ta' servizzi (¹), għandha tiġi interpretata fis-sens li l-awtoritajiet u l-qrat nazzjonali għandhom iqisu bħala li qiegħed fit-territorju nazzjonali l-post ta' provvista ta' servizzi li, formalment, skont id-dritt bil-miktub, jinsab fl-Istat Membru l-ieħor fejn huwa stabbilit ir-riċevitur tal-provvista, meta l-persuna taxxabbli nazzjonali li tipprovd i-servizzi kellha tkun taf li, bil-provvista ta' servizzi mwettqa, hija kienet qed tipparteċipa f'evażjoni tal-VAT imwettqa fil-kuntest ta' katina ta' provvisti?

(¹) Direttiva 2006/112/KE (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60); Direttiva 2008/8/KE (ĠU 2008, L 44, p. 11).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja)  
fid-9 ta' Novembru 2021 – A**

(Kawża C-676/21)

(2022/C 51/28)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: A

Parti oħra fil-proċedura: Veronsajjen oikeudentalvontayksikkö

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija jew l-Artikolu 110 TFUE jistgħu jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li, fċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-taxxa fuq il-vetturi inkluża fil-valur tal-vettura, li hija prevista fl-autoverolaki (1482/1994) (il-Liġi Nru 1482/1994 dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi), ma tiġix irrimborsata lill-proprietarju tal-vettura meta dan jesporta definitivament il-vettura sabiex tintuża fi Stat Membru ieħor u, f'dan ir-rigward, huwa rilevanti jekk il-vettura kinitx intiża li tintuża essenzjalment fit-territorju tal-Istat Membru li ġabar it-taxxa fuq il-vetturi b'mod permanenti u jekk din il-vettura kinitx fil-fatt intużat b'dan il-mod?
- 2) Fil-każ li l-użu li għaliex tkun intiża l-vettura u l-użu effettiv tagħha huma rilevanti sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, kif għandha tiġi stabbilita n-natura mhux permanenti ta' dawn l-użu, sa fejn it-tul ta' użu ta' vettura mis-sid fl-Istat Membru ma jistax jiġi vverifikat bil-quddiem?